MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 288/2003

**Polidano Brothers Limited**

**Vs**

**Konrad Gatt**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut fi zmien qasir u perentorju li jigi lill-konvenut prefiss minn dina l-Onorabbli Qorti, jizgombra mill-garaxx bin-numru erbatax (14) li jinsab f'triq privata li taghti ghal Valletta Road, Hal-Qormi, mikri lill-konvenut mis-socjeta' attrici, u jirritorna c-cwievet kollha relattivi ghall-istess fond u l-pussess vakanti tieghu lis-socjeta' attrici, u dan kollu stante li baqa morus fil-pagamment ta' l-kera nonostante li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas (ara kopji ta' tlett ittri nterpellatorji flimkien ma' zewg ittri ufficjali – dok A sa E).

B’rizerva ghal kull azzjoni ohra kontra l-konvenut kompetenti lis-socjeta’ attrici skond il-ligi. Ghall-finijiet ta’ l-kompetenza jigi dikjarat li l-valur lokatizzju ta’ l-fond huwa ta’ elf u hames mitt lira (Lm1500) fis-sena.

Bl-ispejjez ta’ din l-istanza u ta’ l-ittri nterpellorji ta’ t-3 ta’ Novembru 1999, ta’ l-24 ta’ April 2001, ta’ l-11 ta’ Gunju 2001, u ta’ l-ittri ufficjali ta ‘-17 ta’ Lulju 2001 u l-5 ta’ Ottubru 2001 ilkoll kontra il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat id-dokumenti annessi u markati Dok A u E a fol 2 sa fol 8 tal-istess atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess talbiet jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fis-26 ta' April 2004 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex sal-10 ta’ Gunju 2004 jizgombra mill-garaxx bin-numru erbatax (14) li jinsab fi triq privata li taghti ghal Valletta Road, Hal Qormi u sabiex sal-istess terminu prefiss, jirritorna c-cwievet kollha relattivi ghall-istess fond u l-pussess vacanti tieghu lill-istess socjeta attrici wara li qed jigi dikjarat li l-konvenut baqa’ moruz fil-pagamenti tal-kera avolja gie interpellat diversi drabi sabiex jhallas. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tat-3 ta‘ Novembru 1999, tal-24 ta’ April 2001 u tal-11 ta’ Gunju 2001, u ta’ dawk ufficjali tas-17 ta’ Lulju 2001 u tal-5 ta’ Ottubru 2001. B’riserva ghal kull azzjoni spettanti skond il-ligi lis-socjeta attrici kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------